TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 201/20/F

**Bartholomeo Debono**

**vs**

**Phone Refix**

Illum, 21 ta' Frar 2022

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrent nhar it-23 ta' Diċembru 2020 kif ukoll id-dokumentazjoni annessa;

Ra li l-intimati ġew debitament notifikati bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bil-formola tar-Risposta nhar l-4 ta' Jannar 2021 f'idejn ċertu Nigel Zerafa;

Ra li l-intimati naqsu milli jippreżentaw risposta u naqsu ukoll milli jidhru għall-ebda mis-seduti li għalihom dejjem kienu notifikati;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent Bartholomeo Debono u ta' Rita Gauci bil-ġurament;

Ra d-dokumenti eżebiti.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-talba tiegħu, ir-Rikorrent qed jitlob li jiġi rifuż is-somma ta' mija u ħamsa u sebgħin Euro (€175.00) rappreżentanti dak li skont hu huwa l-valur ta' *mobile phone* Samsung A40 li huwa xtara mingħand in-negozju Phone Refix biex jingħata rigal lin-neputi tiegħu.

Illi l-istess Rikorrent spjega li dan il-*mobile phone* waqaf jaħdem wara biss għaxar xhur. Minkejja li l-*mobile phone* kien kopert b'garanzija ta' sentejn, l-intimati naqsu li jipprovdu rimedju għax sostnew li l-ħsara fil-*mobile phone* kienet dovuta għal *corrosion* wara li allegatament, ġie espost għall-ilma, fatt li ġie nnegat kemm mir-rikorrent kif ukoll minn Rita Gauci waqt ix-xhieda tagħhom.

Illi l-intimati effettivament naqsu milli jqajjmu kontestazzjoni għat-talbiet tar-Rikorrent u dan minkejja li kellhom kull opportunità li kieku riedu.

Illi t-Tribunal iqis li r-Rikorrent ipprova l-każ tiegħu b'mod sodisfaċenti skont il-liġi u għalhekk, it-Talba tiegħu timmerita akkoljiment.

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha u jikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu lir-rikorrent is-somma ta' mija u ħamsa u sebgħin Euro (€175.00).**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri jkunu a karigu tal-intimati.**

**Avv. Mattia Felice**
*Arbitru*